**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 90 – IT-TNEJN, 4 TA' SETTEMRU 2017 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 88**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 88**

2.1 Ġie vverifikat il-pagament, ta' 50 Ewro. Dan kien għal xogħlijiet ta' installazzjoni ta' geyzer fil-kċina tal-Kunsill.

**3 Approvazzjoni Minuti Numru 89**

3.1 Ma kien hemmx korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Trevor Fenech issekonda. Kien hemm qbil unanimu. Ma kienx hemm punti imtella minn minuti 89.

**4 Pagamenti Numru 78**

4.1 Kien hemm qbil li l-pagamenti numru 17, 18 u 22 jitwaqqfu sakemm jiġu vverifikati li tnaddfu l-culverts. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 5 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret l-oġġezzjoni fuq applikazzjoni PA 6443/17 li hija applikazzjoni għal żvillup f'Wied Għomor.

5.2 Il-Kunsill iddiskuta l-applikazzjoni PA 5828/17, bini ta' Knisja Orthodox fi Triq Wied Għollieqa. Wara li ġew innutati r-raġunijiet tekniċi għalfejn għandha tiġi reġistrata l-oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni, kien hemm qbil unanimu li tiġi sottomessa din l-oġġezzjoni.

5.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li hemm laqgħa maċ-Ċhairperson tal-PA, fit-18 ta' Settembru 2017. Għandhom jattendu għal din il-laqgħa, is-Sindku, il-Kunsilliera Joan Farrugia u Trevor Fenech u s-Segretarju Eżekuttiv.

5.4 Il-Kunsill innota bi pjaċir l-installazzjoni ta' shelters għal qtates stray f'diversi postijiet f'San Ġwann. Il-Kunsill qabel li dan għandu jitkompla u jinxtraw aktar shelters jekk ikun hemm il-bżonn.

5.5 Kien hemm qbil unanimu fuq il-quarterly accounts sa Ġunju 2017. Dawn għandhom jiġu uploaded.

5.6 Kien hemm qbil rigward il-ħruġ għal sejħiet pubbliċi għal servizzi ta' Perit, tindif tad-dog park u picnic area u t-tbattil tad-doggie bins, kif ukoll xiri ta' benches, bins u BBQs ġodda għal picnic area.

5.7 Il-Kunsill ġie nfurmat dwar laqgħa li għamel is-Sindku ma’ xi residenti ta' Triq Salvu Busuttil. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li l-pożizzjoni tal-Kunsill għandha tkun skont id-direzzjoni ta' TM peress li dawn huma l-esperti tat-traffiku.

5.8 Ġiet innutata Clean Up fis-16 ta' Settembru 2017. Kien hemm qbil li jsiru l-preparamenti għal din l-attività.

5.9 Kien hemm qbil li jerġgħu jintalbu kwotazzjonijiet għal pubblikazzjoni ta' ktieb, jekk ma jinġabrux, tinħareġ sejħa pubblika.

5.10 Kien hemm qbil li jerġgħu isiru keep fit classes kif ukoll jibdew korsijiet tal-għum.

## 6 Korrispondenza

6.1 Kien hemm qbil unanimu li tinħareġ No Objection biex tingħalaq Triq il-Kappella, quddiem il-każin tal-banda biex issir attività bejn l-Għaqda Mużikali Madonna ta' Lourdes u l-Għaqda Festa Esterna.

6.2 Ġiet innutata l-Memo rigward l-injections għal kontra l-influwenza.

6.3 Kien hemm diskussjoni rigward korrispondenza mid-DLG dwar diffikultajiet finanzjari. Kien hemm qbil li r-risposta għandha tkun li l-Kunsill għandu finanzi għal spejjeż recurrent imma mhux biżejjed fondi għall-proġetti kapitali, resurfacing ta' toroq u kostruzzjoni ta' bankini ġodda u manutenzjoni straordinarja.

6.4 Kien hemm qbil li ssir l-applikazzjoni għal fondi għal librerija lokali. Il-Kunsill għandu japplika għal 600 Ewro u joħroġ 600 Ewro oħra biex jinxtraw kotba.

6.4 Rigward l-inizjattiva Restawr ta' Postijiet Storiċi, kien hemm qbil li napplikaw għal restawr intern għall-Kappella San Ġwann tal-Għorgħar.

6.5 Kien hemm qbil għal No Objection biex tiġi organizzata car wash mill-Għaqda tan-Nar fid-9 u l-10 ta' Settembru 2017 f'Misraħ Lourdes.

## 7 Affarjiet Oħra

7.1 Is-Sur Dominic Cassar ilmenta li hemm bżonn li TM tagħmel refreshing tal-Give Way fi Vjal ir-Riħan kif ukoll għad irid jinbidlu l-bus stops li hemm imkissrin fi Triq il-Kappella u f'Ta' Żwejt.

7.2 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex jiġi vverifikat jekk hux possibbli li l-ħamiem selvaġġ li jinsab fi Triq il-Fuxa jistax jiġi mitmum feed li jiġu sterilised. Għandha ssir verifika mad-Direttur tal-Animal Welfare u mal-Veterinarju tal-Gvern.

7.3 Is-Sinjura Joan Farrugia lmentat li hemm bżonn knis aħjar fiż-żona Triq il-Kapuċċini u Triq Santa Margerita u t-toroq bejniethom. Għandha ssir komunikazzjoni mal-kuntrattur fuq din. Hi talbet ukoll li togħla l-bankina fi Triq iċ-Ċiklamini biex tkun aċċess ta' Wheel Chair f'ħanut. Għandhom jagħmlu site visit hi u l-Kunsillier Dominic Cassar. Hi lmentat ukoll li hemm il-crossing lights quddiem il-Knisja mhux qed jaħdmu.

7.4 Is-Sur Trevor Fenech talab biex isir refreshing tad-Disabled Parking fejn il-Coral Cafe. Hu lmenta wkoll fuq il-bżonn li ELC jagħmlu xogħol aħjar fil-ġonna ta' San Ġwann

## 8 Għeluq il-Laqgħa

8.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.20pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 18 ta' Settembru 2017 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |